**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 5 ta` Gunju 2018**

**Fl-atti tar-rikors nru. 834/18 JZM ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet :-**

**Albert Attard (I.D. 6551553M);**
**Henry Attard (I.D. 682951M);**
**Emmanuel Micallef (I.D. 125166M);**
**Joseph Casha (I.D. 283454M);**
**John Dalli (I.D. 84446M);**
**Dunbar Smythe (I.D. 45789M);**
**Paul Gauci (I.D. 174454M);**
**Paul Cremona (I.D. 176361M);**
**Alfred Mangion (I.D. 773544M);**
**Jamie Sammut (I.D. 188792M);**
**Norman Mifsud (I.D. 395239M);**
**Joe Grech (I.D. 147844M);**
**Edward Borg Cardona (I.D. 300052M)**
**Peter Gatesy;**
**Chris Busuttil (I.D. 199278M)**

***kontra***

**Awtorita` ghat-Trasport f` Malta**

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment dwar talba li ghamlet l-Awtorita` intimata fl-ewwel udjenza tas-smigh tar-rikors ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti.**

## I. Preliminari

Fil-31 ta` Mejju 2018, li kienet l-ewwel udjenza tar-rikors odjern, l-Awtorita` ntimata talbet ir-rikuza tal-Imhallef sedenti abbazi ta` li gej :-

*Dr Camilleri* (Joseph) *jitlob ir-rikuza tal-Imhallef sedenti abbazi tad-dritt tal-Awtorita` ntimata ghal smigh xieraq skont l-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, in vista tal-fatt illi din il-Qorti kif presjeduta ppronunzjat ruhha f`kawza fejn l-istess rikorrenti u ohrajn kienu qed iressqu l-istess argumenti legali dwar allegati drittijiet permanenti fuq irmiggi fil-Marina Gzira Gardens fl-ismijiet "Peter sive` Rino Muscat Scerri et vs l-Avukat Generaqli et" bin-numru 71/11 JZM deciza fis-17 ta` Marzu 2014.*

Fl-istess udjenza, ir-rikorrenti wiegbu ghat-talba tal-Awtorita` intimata abbazi ta` li gej :-

*Dr Camilleri* (David) *jikkontesta l-fondatezza fattwali u legali tat-talba li saret mill-Awtorita` ghar-raguni illi ghall-fini ta` l-mandat odjernil-bazi legali li fuqha r-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom hija wahda kontrattwali, ibbazata fuq l-applikazzjonijiet esebiti mal-mandat in vista ta` proceduri pendenti quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Silvio Meli. Ghalhekk ma hemm ebda ksur ta` ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tal-Awtorita` jekk ir-rikors jibqa` jinstema` minn din il-Qorti kif presjeduta.*

It-talba thalliet ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti tar-rikors odjern.

Rat id-decizjoni fil-kawza citata mill-Awtorita` ntimata.

Rat ukoll id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawza tas-6 ta` Frar 2015.

**Ikkunsidrat :**

Fir-rikors tal-lum, u ghar-ragunijiet illi spjegaw, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni ("**il-Mandat**") kontra l-Awtorita` sabiex din ma tkomplix *bil-process ta` ghotja ta` tender imsejjah "Request for Proposals for the Award of a concession for the Rehabilitation, Operation, Management and Transfer Back of Gzira Gardens Yacht Marina (RFP1/2017)* u ma tiffirmax il-*kuntratt relattiv konsegwenti ghal tali tender.*

**Ikkunsidrat :**

Fil-kuntest tat-talba mertu tal-provvediment tal-lum, ikun opportun illi jitqies l-iskop u safejn iwassal procediment ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni, skont id-disposizzjoni li tirregola l-procediment u cioe` l-**Art 873 tal-Kap 12**.

Skont is-subartikolu (1) tal-Art 873, *l-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Imbaghad fis-subartikolu (2) jinghad illi *l-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li l-procedura li tistharreg talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li fil-procediment ta` stharrig ghall-hrug tal-mandat isir dak li jkun mistenni li jsir waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-mandat m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux il-kompitu ta` l-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

**Ikkunsidrat :**

Mhuwiex kontestat illi bejn il-partijiet diga` hemm kawza fejn qed jigi trattat il-mertu tal-jedd pretiz mir-rikorrenti. Din hija l-kawza fl-ismijiet *Albert Attard et vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta (Rik. Gur. Nru. 1128/16 SM)* li diga` qeghda tinstema` minn din il-Qorti diversament presjeduta.

**Ikkunsidrat :**

Il-kawza fl-ismijiet *Peter sive` Rino Muscat Scerri et vs Avukat Generali et (Rikors Nru. 71/2011 JZM)* kienet istitwita quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-Guridizzjoni Kostituzzjonali taghha. Dik il-Qorti kienet presjeduta mill-imhallef sedenti. Ir-rikorrenti kienu qeghdin jilmentaw li bl-imgieba taghhom l-intimati kienu qeghdin jippregudikaw id-dritt ta` irmigg li ghandhom fit-Ta` Xbiex Yacht Marina.

It-talbiet tar-rikorrenti kienu sabiex il-Qorti :-

*1. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom, meta unilateralment qed jabbrogaw drittijiet inerenti gawduti mir-rikorrenti kif fuq spjegat jincidi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali taghhom kif sanciti fl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*

*2. Taghti dawk ir-rimedji kollha mehtiega u necessarji fil-konfront tar-rikorrenti sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali taghhom.*

*3. Finalment taghti provvediment ad interim b`mod urgenti fis-sens illi l-awtorita` intimata tigi inibita milli tizgombra jew b`xi mod tinterferixxi mad-drittijiet u servizzi attwali illi qed igawdu l-atturi li jorbtu l-yachts taghhom f`Ta` Xbiex Yacht Marina, Ta` Xbiex.*

*Bl-ispejjez.*

Fid-decizjoni taghha tas-17 ta` Marzu 2014, il-Qorti presjeduta mill-imhallef sedenti fil-kawza tal-lum *inter alia* :

Iddikjarat *illi bid-decizjoni tal-intimata Awtorita` Ghat-Trasport f` Malta illi unilateralment thassar id-drittijiet akkwiziti li kienu jgawdu r-rikorrenti fl-uzu tal-irmigg ghall-yachts taghhom fil-Yacht Marina Ta` Xbiex*

*meta minn kuntratt permanenti nbidlu ghal kuntratt ghal sena hija kkommettiet ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti kif dawk il-jeddijiet huma protetti bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.*

Ordnat *lill-intimata Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta sabiex tirrikonoxxi, tirrispetta u twettaq mill-gdid id-drittijiet li kellhom ir-rikorrenti fl-uzu tal-irmigg ghall-yachts taghhom fil-Yacht Marina Ta` Xbiex qabel hadet id-decizjoni li minn kuntratt permanenti li kellhom taghtihom kuntratt ghal sena billi b`mod prattiku u ragonevoli taghti lura lir-rikorrenti d-dritt ghall-irmigg fil-Yacht Marina Ta` Xbiex li ghandu jkun permanenti u ndefinit bil-kondizzjoni li jibqa` jithallas lill-Awtorita` intimata dritt ta` mizata ghall-uzu tal-irmigg, liema dritt ta` mizata l-Awtorita` intimata jkollha dritt taggorna b`mod ragonevoli minn zmien ghal zmien.*

**Ikkunsidrat :**

Illi sar appell.

Fid-decizjoni li tat fis-6 ta` Frar 2015, il-Qorti Kostituzzjonali *inter alia* hassret id-dikjarazzjoni u l-ordni fuq riferiti li ghamlet l-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat :**

Fil-Kodici ta` Procedura (Kap 12) id-disposizzjoni li tirregola r-rikuza jew l-astensjoni ta` mhallef hija l-Art 734.

Fil-procediment tal-lum, l-intimata mhijiex titlob ir-rikuza tal-imhallef sedenti abbazi ta` xi wahda mid-disposizzjonijiet li jaghmlu l-Art 734.

Evidentement ma sarx hekk ghaliex ghall-kwistjoni in esami ma tghodd l-ebda wahda mid-diversi subartikoli tal-Art 734.

L-intimata tghid illi t-talba tar-rikuza hija bbazata fuq l-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Bl-izvilupp tal-gurisprudenza matul dawn l-ahhar snin, illum huwa kwazi pacifiku illi ghall-fini ta` astensjoni jew rikuza li l-kwistjoni m`ghandhiex tibqa` ristretta ghall-parametri stabbiliti mill-Kap 12 fl-Art 734 izda ghandha titqies f`kuntest aktar wiesgha meta jew soggettivament jew inkella oggettivament il-fatt li ma jkunx hemm rikuza jew astensjoni jkun jikkostitwixxi jew *x`aktarx* ikun jikkostitwixxi ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Naturalment kull kaz ghandu l-istorja tieghu.

Issa ghalkemm din il-Qorti mhijiex Qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali, xorta wahda hija kompetenti li tqis it-talba ghar-rikuza kif dedotta billi l-ligijiet citati mill-intimata in sostenn tal-istanza taghha jaghmlu parti mill-ordinament guridiku taghna u ghandhom isibu applikazzjoni ghall-fini tal-kwistjoni tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Wara li hadet kont ta` l-assjem ta` fatti, u hasbet fit-tul dwar il-kwistjoni, hija tal-fehma li hemm lok ghar-rikuza tal-imhallef sedenti.

Anke jekk ma tirrizulta l-ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati mill-Art 734 tal-Kap 12, xorta wahda hija tal-fehma li bil-fatt illi jkun l-imhallef sedenti li jisma`, iqis u jipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti fil-procediment tal-lum jista` jkun hemm lezjoni tal-jedd tal-intimata ghal smigh xieraq ghaliex fid-dikjarazzjoni u fl-ordni li nghatat fid-decizjoni fil-kawza *Peter sive` Rino Muscat Scerri et vs Avukat Generali et (Rikors Nru. 71/2011 JZM)* meta l-qorti kienet presjeduta mill-istess imhallef sedenti tal-lum kienet espressa *senza mezzi termini* l-posizzjoni tal-imhallef sedenti fir-rigward tat-talbiet li kienu saru mir-rikorrenti. Ma kenitx semplici dikjarazzjoni generika ta` vjolazzjoni.

Mhuwiex rilevanti ghall-fini tal-provvediment tal-lum il-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali hassret id-dikjarazzjoni u l-ordni. Li huwa rilevanti l-mod kif esprima ruhu fid-dettall fil-*considerandi* u fil-parti decizorja tas-sentenza fuq riferita l-imhallef sedenti fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali).

Il-fatti li qeghdin jingiebu `l quddiem bil-procediment tal-lum kif riflessi fil-premessi tar-rikors u fid-dokumenti li jsostnu dawk il-premessi

huma sostanzjalment l-istess bhal dawk li hargu fil-kors tal-kawza *Peter sive` Rino Muscat Scerri et vs Avukat Generali et (Rikors Nru. 71/2011 JZM).*

Dak li l-imhallef sedenti kellu xi jghid dwar l-ilment tar-r-rikorrent qalu kjarament u minghajr l-icken ekwivoku anke jekk diversa kienet il-fehma tal-Qorti Kostituzzjonali.

Kwindi jkun bil-ferm imprudenti li l-Imhallef sedenti jipprocedi oltre, rinfaccjat kif inhu bil-possibilita` ta` ksur ta` jedd ghal smigh xieraq, possibilita` li la hija frivola u lanqas vessatorja, anke fil-parametri ta` pronunzjament fil-kuntest tal-Art 873 tal-Kap 12.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, qeghda tkun milqugha t-talba tal-Awtorita` ntimata kif dedotta fil-verbal tal-udjenza tal-31 ta` Mejju 2018.**

**Ghalhekk l-atti ta` dan il-procediment qeghdin ikunu rimessi lir-Registratur sabiex jiehu hsieb jaghmel li hemm bzonn skont il-ligi.**

**Spejjez bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**